# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 7**

**Avviz numru 407/98/SM**

**Antoine Cauchi.**

**vs**

**Eric Cefai u b'digriet tas-6 t'Ottubru ta' l-1998 Fogg Insurance Agencies Limited intervenuta fil-kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Marzu ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut Eric Cefai quddiem din il-qorti u s-socjeta' assikuratrici konvenuta interveniet fl-atti dan il-procedura biex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu lill-attur id-danni li ghandhom jigu likwidati sofferti fil-vettura tieghu Marina bin-**

**numru HAJ – 452 naxxenti minn incident awtomobilistiku li okkorra bi htija tieghu fis-6 ta' Lulju 1997 f'Kennedy Grove Road, Bugibba meta hu kien qed isuq il-vettura AA1 – 557 bi traskuragani, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku (ara dokumenti annessi mmarkati minn Dok. T1 sa Dok. T8);**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali tal-pagament effettiv u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**3. Ghall-fini ta' kompetenza l-ammont mitlub ma jeccedix il-LM1000.00,0;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-5 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut Eric Cefai eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort unikament tal-attur u dan minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni kollha ghandhom jigu sopportati mill-attur;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intervenuta fil-kawza Fogg Insurance Agencies Limited datata l-1 ta' Frar ta' l-1999 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur, u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess attur Antoine Cauchi;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk il-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tal-11.00 a.m. tas-6 ta' Lulju ta' l-1997 gewwa l-post mgharuf bhala "Kennedy Drive" li tisbokka fi Triq il-Pijunieri, Bugibba;**

2. **Illi ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu l-pulizija li effettwa l-access ma kienx tant preciz jirrizulta abbundantement assodat mill-assjen tal-provi prodotti illi l-vetturi involuti f'dan l-incident kienu wahda tal-marka Jeep bin-numru ta' registrazzjoni AA1 557 misjuqa mill-konvenut Eric Cefai mid-direzzjoni ta' Triq il-Pijunieri ghal go Kennedy Drive u l-ohra tal-marka Marina bin-numru ta' registrazzjoni HAJ – 452 misjuqa minn Antoine Cauchi, l-attur u kienet qed tinstaq f'Kennedy Drive fid-direzzjoni lejn is-Salini;**

3. **Illi jirrizulta li fiz-zmien ta' l-incident de quo l-awtoritajiet koncernati kienu qed jahdmu biex proprju f'dak l-inkrocju fejn sehh l-incident jinstallaw "traffic lights" stante n-notarjeta' tal-post biex b'hekk jevitaw kemm jista' jkun incidenti li spiss kienu jsehhu fil-post rizultat tan-nuqqas ta' prudenza tal-konducent Malti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-essenzjalita' tal-fatti hi dik esposta aktar qabel u r-rizultanzi l-ohra huma biss kontorn irrilevanti li qed jigi meqjus bhala tali minn din il-qorti;**

**Illi Kennedy Drive hi triq wiesgha, dritta u perkorribbili mentri Triq il-Pijunieri hi addenda pjuttost ricenti li nbniet minhabba l-izvilupp sfrenat u irregolat li sehh fl-akkwati tul l-ahhar ghoxrin sena;**

**Illi ghalhekk din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva milli tqis Kennedy Drive bhala triq principali u Triq il-Pijunieri bhala wahda sekondarja bil-konsegwenzi kollha naxxenti minn tali enuncjazzjoni, u dan, stante li Kennedy Drive hi triq arterjali mentri Triq il-Pijunieri hi wahda li tiehdok mill-villagg u tisbokka fi triq arterjali msemmija;**

**Illi ghaldaqstant, u anke minhabba l-vizwali ininterrotta tal-konvenut, dan kien obbligat jikkonduci l-vettura tieghu bi prudenza, molto piu' meta minn tirq sekondarja kien ser jidhol fi triq arterjali li minnha jaghddi hafna aktar traffiku;**

**Ghaldaqstant il-konvenut kien obbligat jezercita' aktar prudenza, jieqaf u jassigura li qabel ma jaccedi fit-triq l-ohra ma kienx ser ikun ta' perikolu ghalieh jew ghall-haddiehor;**

**Illi d-danni sofferti mill-attur huma likwidati bil-mod segwenti skond ir-ricevuti pprezentati fl-atti in dizamina:**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | **Pannel beating u spray** | **Lm252.00,0.** |
| **b.** | **2 tiglalen cooling water** | **4.50,0.** |
| **c.** | **Parts u balljoint** | **5.55,0.** |
| **d.** | **Auto Parts** | **176. 60,0.** |
| **e.** | **Ball joints** | **3. 90,0.** |
| **f.** | **Rapport tal-pulizija** | **3. 00,0.** |
| | **Total** | **445. 55,0.** |

**Illi d-danni sofferti mill-attur ghadhom ma gewx imhallsa u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-attur pprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara li l-konvenut Eric Cefai hu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Antoine Cefai fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM455.50,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Eric Cefai biex ihallas is-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet lill-attur, u**

4. **Tikkundanna wkoll lill-konvenut Eric Cefai u lis-socjeta' kjamata in kawza Fogg Insurance Agencies Limited biex ihallsu in solidum l-ispejjez ta' din il-procedura.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**